LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI

## Raġunijiet għan-nuqqas ta' żvelar ta' Dokumenti Uffiċjali

Meta Uffiċjal tal-Libertà tal-Informazzjoni (FOIO) jipproċessa talba tal-FOI, l-awtorità pubblika trid tiddeċiedi, skont l-Att dwar il-Libertà tal-Informazzjoni (FOIA), jekk id-dokument mitlub jiġix żvelat jew le. Jekk id-dokument ma jingħatax, jeħtieġ li tiġi pprovduta raġuni lill-persuna li tagħmel it-talba.

Dawn huma xi raġunijiet, kif stipulati f'Artikolu 14 tal-FOIA, li jipprojbixxu l-aċċess ta' ċerti dokumenti uffiċjali lill-applikant:

### Dokumenti li fihom data personali

Bħala regola ġenerali, l-informazzjoni personali tiġi ttrattata skont ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (UE) 2016/679. Fil-fatt, id-data personali mhijiex disponibbli għall-iżvelar skont il-FOIA. Madankollu, fejn possibbli, id-data personali għandha titħassar u l-bqija tad-dokument, jekk ma jkunx eżentat b'xi mod ieħor, jiġi żvelat.

### Ipprojbit minn kwalunkwe liġi oħra

Id-dokumenti uffiċjali jistgħu jinżammu jekk dawn id-dokumenti jkun fihom informazzjoni li l-iżvelar tagħha jkun ipprojbit minn kwalunkwe liġi oħra. Madankollu, l-istess prinċipju japplika kif imsemmi fit-taqsima preċedenti, sa fejn il-kwistjoni eżentata tista' titneħħa, il-bqija tad-dokument jiġi żvelat.



## Dokumenti tal-kabinett

Id-dokumenti kollha relatati mal-kabinett huma eżentati mill-iżvelar taħt il-FOIA. Madankollu, il-Prim Ministru jista' jidentifika ċerti dokumenti tal-kabinett li għandhom 30 sena jew aktar, li jistgħu jkunu soġġetti għal żvelar. Id-dokumenti tal-kabinett jistgħu jiġu pprovduti wkoll lill-applikant jekk ikun fihom informazzjoni purament fattwali dwar kwistjonijiet u deċiżjonijiet li jkunu ġew ippubblikati.

## Dokumenti interni ta' ħidma

Dokument huwa eżentat jekk jiżvela informazzjoni fin-natura ta', jew relatata ma', opinjonijiet, pariri, rakkomandazzjonijiet, konsultazzjonijiet, jew deliberazzjonijiet li jkunu saru matul il-proċessi involuti fil-funzjonijiet tal-gvern jew ta' awtorità oħra. Madankollu, l-uffiċjali jridu jiddeċiedu jekk l-interess pubbliku huwiex akbar minn dawn il-kunsiderazzjonijiet, b'mod partikolari fir-rigward ta' kwistjonijiet li huma ta' tħassib pubbliku. F'każijiet bħal dawn, id-dokumenti jistgħu jiġu żvelati.



foicu@gov.mt
https://foi.gov.mt

LIBERTÀ TAL-INFORMAZZJONI